MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tal-11 ta' Novembru, 2011

Talba Numru. 623/2011

**Ray Muscat (ID-217666M) in
Rapprezentanza tas-socjeta' MPA Properties Limited**

**vs**

**Marphil Gauci
(ID-421770M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur talab il-hlas tas-somma ta' tliet elef erba' mija erbgha u disghin Ewro (€3,494) spejjez inkorsi ghat-tqeghid ta' membrane da parti tal-konvenut fuq proprjeta' tas-socjeta' attrici liema membrane kellha "*lifetime guarantee*" u li fil-fatt kienet difettuza.

Din it-talba qed tigi ridotta minn ammont ikbar ta' erba' telef Ewro (€ 4,000) ghall-finijiet ta' kompetenza ta' dan it-Tribunal.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mill-attur u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-attur tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill- attur is-somma ta’ tliet elef erba’ mija erbgha u disghin Ewro (€3,494). L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------